# IL-FORTIZZA
## ta' Has-Sejjiek



Matul l-aħħar Gwerra Dinjija, fit-triq li mill-Qrendi tieħu għal Ħaġar Qim, fl-inħawi magħrufa ta' Has-Sajjiek, kien hemm il-Fortizza li kienet magħrufa bħala l-Fortizza ta' Ħaġar Qim, li kienet mgħammra b'erba' kanuni kbar ta' kontra l-ajruplani. Din il-Fortizza kienet inbniet mal-bidu tal-gwerra fl-1940. Il-wasla tal-vetturi militari kellhom bilfors jgħaddu mill-Qrendi *via* Triq il-Kbira, Misraħ San Mattew u kienu jibqgħu sejrin tul Triq il-Guarena li kienet l-uniku trejqa li twassal sal-Fortizza.

Fiha kien hemm stazzjonat battaljun mill-*4th HEAVY ANTI AIRCRAFT REGIMENT tar-ROYAL ARTILLERY.* Il-kanuni tat-tip *BOFORS 3.7 inch,* kienu jisparaw kollha f'daqqa u l-balal tagħhom kienu jaslu sa fuq 'il barra mill-Port il-Kbir. Meta jkun se jsir ħbit mill-ajru minn qabel kienet toħroġ ordni biex issir il-*Harbour Barrage.* Dan ifisser li numru ta' Fortizzi u Batteriji jisparaw kollha f'daqqa, erbgħa erbgħa, biex tifforma bħal xibka kbira fl-*area* li l-ajruplani ta' l-għadu jkun maħsub, li se jiddavjaw minnha.

Din il-Fortizza kienet għal diversi drabi tkun attakkata. Darba minnhom f'April 1942 meta matul dan ix-xahar kienu żdiedu l-attakki mill-ajruplani Ġermaniżi, din il-Fortizza kienet intlaqtet minn bomba li kienet inxteħtet minn ajruplan Ġermaniż tat-tip *Junkers.* F'dan l-attakk kienu mietu xi suldati Ingliżi.

Ta' min jgħid li kemm damu s-suldati Ingliżi saru ħbieb ħafna tal-Qrendin. Minn żmien għal żmien xi wħud minn dawn il-veterani waqt li jkunu għal vaganza f'Malta, jiġu jżuru dawn l-inħawi. Mr Stanley Fraser, wieħed mis-suldati qalbiena li kien stazzjonat f'din il-Fortizza matul l-Assedju ta' Malta 1940-43, kien ġie Malta f'April 1990 għal *Reunion* tal-*George Cross Island Association.* Hu kien żar din il-Fortizza, li min jaf kemm ġabitlu tifkiriet. Kien hawnhekk li ġieh il-ħsieb li għall-okkażjoni tal-Ħamsin Sena mill-



***F'dan ir-ritratt jidhru żewġ kanuni tat-tip BOFORS waqt wieħed mill-attakki fuq Malta matul l-aħħar Gwerra Dinjija.***

Għoti tal-*George Cross* lil Malta, jkun xieraq li jitwaqqaf mafkar għas-suldati kollha li taw sehemhom matul il-gwerra.

Wara li reġa' lura lejn pajjiżu f'Wales ir-Renju Unit, hu ra kif għamel sabiex jixtri erba' kanuni tat-tip *Bofors 3.7 inch* minn *scrapyard* madwar Wales u fl-aħħar irnexxielu jakkwista erbgħa. Dawn kienu restawrati u ntbagħtu lejn Malta.

Fl-1 ta' Ġunju 1992 dawn kienu ppreżentati lil Malta waqt ċerimonja li kienet saret fil-Kwartieri tal-Forzi Armati ta' Malta f'Ħal Luqa. Dawn l-erba' kanuni li jiffurmaw mafkar lis-suldati li ħallew ħajjithom matul il-gwerra, qegħdin għall-wiri fil-*Parade Ground* tal-Kwartieri tal-Forzi Armati ta' Malta.

***Emanuel Muscat***



***Debra mill-ajru tal-Fortizza li kellha erba' kanuni tat-tip BOFORS 3.7 INCH. Jidher ukoll il-post fejn kien hemm il-COMMAND POST.***



***Wieħed mill-Kanuni BOFORS 3.7 INCH li ddefendew lil Malta fit-II Gwerra Dinjija. Matul l-Assedju dawn waqqgħu 236 ajruplan ta' l-għadu.***